**QORTI CIVILI**
**PRIM' AWLA**

**ONOR. MHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' Nhar il-Gimgha 16 ta' Marzu 2018**

**Rikors Numru : 731/2016 JPG**
**Kawza Numru : 7**

**L-Avukat Dr Stefano Filletti [KI: 227076(m)] bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Crawford Alliance Corporation ta' Quijano Chambers, Wichams Cay II, P.O. Box 3159, Road Town, Tortola, British Virgin Islands b'numru ta' registrazzjoni 1066936**

**Vs**

**Europ-Star Limited (C-55493)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors guramentat tal-avukat Dr Stefano Filletti [KI: 227076(m)] bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Crawford Alliance Corporation ta' Quijano Chambers, Wichams Cay II, P.O. Box 3159, Road Town, Tortola, British Virgin Islands b'numru ta' registrazzjoni 1066936 , datat 23 ta' Awwissu 2016, a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

1. *Illi permezz ta' ftehim ta' sullokazzjoni (Aircraft Lease and Management Agreement hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok.A****) in data hmistax (15) ta' Ottubru elfejn u tlettax (2013), is-socjeta' rikorrenti ssullokat ajruplan registrat gewwa Malta b'numru ta' registrazzjoni 9H-SMI flimkien mal-apparat relattiv, lis-socjeta' intimata;*

2. *Illi tali Aircraft Lease and Management Agreement gie tterminat permezz ta' ftehim iehor -Termination of Aircraft and Management Agreement (****Dok.B****) in data wiehed u ghoxrin (21) ta' Awwissu tas-sena elfejn u hmistax (2015);*

3. *Illi klawzola numru 2(i) tat-Termination of Aircraft and Management Agreement primarjament tiddikjara illi "other than the outstanding amounts listed in Sub-Article 2(ii) hereunder, all outstanding amounts, claims, liabilities and obligations which may have been due between the Parties* ***have been settled as on the date hereof****. The Parties therefore declare that,* ***other than the outstanding amounts listed in Sub-Article 2(ii) hereunder, there exist no further rights, claims or pretentions against each other*** *as on the date hereof in relation to the Aircraft Lease and Management Agreement"(emfasi mizjud);*

4. *Illi l-klawzola numru 2(ii) ghalhekk telenka il-pagamenti li baqghu dovuti anke wara id-data tat-terminazzjoni u tghid proprju hekk: "the* ***balance of EUR100,000*** *(one hundred thousand Euro) which remain* ***due from the Sub-Lessee to the Sub-Lessor*** *and which are to be repaid within 3 (three) months from the date hereof in accordance with Article 9.2 of Aircraft Lease and Management Agreement" (emfasi mizjud);*

5. *Illi r-referenza ghall-klawzola numru 9.2 tal-Aircraft Lease and Management Agreement issir proprju ghaliex din tirribadixxi illi l-bilanc ta' mitt elf ewro (€100,000) ghandu jigi rritornat lis-socjeta' rikorrenti u dan gjaldarba jitnaqqsu kwalunkwe ammonti li jsiru dovuti <u>WARA</u> d-data tal-kuntratt ta' terminazzjoni. Di fatti din il-klawzola tikorrabora dak li jinghad fit-Termination of Lease and Management Agreement fejn jigi stabilit illi fid-data tat-terminazzjoni, ma hemm l-<u>EBDA</u> bilanci dovuti bejn il-partijiet salv ghal dawk imsemmija fil-klawzola numru 2(ii);*

6. *Illi minkejja li s-socjeta' intimata irrikonoxxiet l-obbligazzjoni taghha versu s-socjeta' rikorrenti tant li ghaddiet pagament akkont favur is-socjeta' rikorrenti fl-ammont ta' tnejn u tletin, tlett mija u sitta u sebghin ewro u tlieta u tletin centezmi (€32,376.33), is-socjeta' intimata naqqset milli thallas il-bilanc rimanenti fl-ammont ta' sebgha u sittin elf ewro, sitt mija u tlieta u ghoxrin ewro u sebgha u sittin centezmu (€67,623.67);*

7. *Illi ghalhekk jirrizulta illi s-socjeta' rikorrenti hija kreditrici tas-socjeta' intimata fl-ammont ta' sebgha u sittin elf ewro, sitt mija u tlieta u ghoxrin ewro u sebgha u sittin centezmu (€67,623.67) rapprezentanti l-bilanc rimanenti mis-somma ta' mitt elf ewro (€100,000);*

8. *Illi minkejja d-diversi interpellazzjonijiet maghmula mis-socjeta' rikorrenti lis-socjeta' intimata hija baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ta' bilfors issir din il-kawza;*

9. *Illi s-socjeta' rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment;*

*Jghidu, ghalhekk, l-intimati ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti ma ghandiex:-*

1. *Tiddikjara illi s-socjeta' rikorrenti hija kreditrici tas-socjeta' intimata fl-ammont ta' sebgha u sittin elf ewro, sitt mija u tlieta u ghoxrin ewro u sebgha u sittin centezmu (€67,623.67) rapprezentanti bilanc rimanenti mis-somma ta' mitt elf ewro (€100,000);*

2. *Tikkundanna u tordna lis-socjeta' intimata sabiex thallas is-somma ta' sebgha u sittin elf ewro, sitt mija u tlieta u ghoxrin ewro u sebgha u sittin centezmu (€67,623.67) jew kull somma verjuri dovuta mis-socjeta' intimata lis-socjeta' rikorrenti kif premess.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016), bl-imghax skont il-ligi li jibda jiddekorri mid-data meta saru dovuti sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' intimata li qieghda minn issa ingunta in subizzjoni.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi.

Rat ir-risposta mahlufa flimkien mal-kontrotalba tal-konvenuta Europ-Star Limited (C-55493) datata 17 ta' Ottubru 2016, a fol 29 et seqq li taqra hekk:

1. *Illi għalkemm l-fatti mistqarra fl-ewwel żewġ premessi mhumiex kontestati, u huwa minnu illi bejn il-partijiet kien hemm viġenti Aircraft Lease and Management Agreement illi ġie terminat permezz ta' ftehim ieħor iffirmat nhar il-21 t'Awwissu, 2015, mhux minnu illi l-esponenti għad fadlilha tagħti xi bilanċi lill-attriċi ;*

2. *Illi kuntrarjament għal dak li qed issostni l-attriċi, fil-mument tal-iffirmar kien ċar għall-partijiet kollha nvoluti li kien għadu għaddej eżerċizzju ta' verifiki ta' fatturi, inkluż spejjeż illi l-mittenti inkorriet fuq talba tal-attriċi Crawford Alliance Corporation ;*

3. *Illi fid-dawl tas-suespost u mingħajr preġudizzju għal dak li ntqal, l-attriċi jeħtiġilha ġġib prova tal-ammont pretiż minnha ;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost ukoll, għandha ssir tpaċija ma' ammonti dovuti mill-attriċi lill-konvenuta u għalhekk mill-ammont li talvolta jistgħu jirriżulta dovut lill-attriċi għandu jitnaqqas l-ammont dovut minnha lill-konvenuta ; Il-mittenti ssostni illi meta ssir tali tpaċija ma jibqa' ebda ammont x'jitħallas mill-eċċipjenti ; F'dan ir-rigward qiegħda titressaq kontrotalba kontestwalment ma' din ir-risposta maħlufa;*

5. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri ;*

*Bl-ispejjeż.*

***Dikjarazzjoni ta' fatti ai termini tal-Artiklu 158(3)(ċ) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta:***

1.1 *Illi l-fatti kif mistqarra fl-ewwel żewġ premessi mhumiex kontestati ;*

1.2 *L-esponenti taqbel illi bejn il-partijiet kien hemm viġenti Aircraft Lease and Management Agreement (eżebit bħala Dok A mar-rikors maħluf) li abbażi tiegħu il-konvenuta kienet topera ajruplan Bombardier Challenger 300 9H-SMI ;*

1.3 *Lanqas huwa kontestat illi dan il-ftehim ġie terminat permezz ta' ftehim ieħor iffirmat nhar il-21 t'Awwissu, 2015 (Dok B mar-rikors maħluf);*

1.4 *Illi manadakollu, l-konvenuta tiċħad illi għadu dovut xi ammont skont il-ftehim imsemmi ;*

**2.1** *Kemm hu hekk, kuntrarjament għal dak li ssostni l-attriċi, kien ċar għall-*partijiet *kollha illi fl-istadju meta ġie ffirmat il-ftehim ta' terminazzjoni, kien għadu għaddej eżerċizzju ta' verifiki ta' fatturi, inkluż spejjeż illi l-*mittenti *inkorriet fuq talba tal-attriċi* Crawford Alliance Corporation *;*

2.2 *Del resto, din hija prassi normali fl-industrija tal-avjazzjoni ;*

3.1 *Illi fid-dawl ta' dak li ntqal, mhux biżżejjed illi l-attriċi tistrieħ fuq il-kuntratt ta' terminazzjoni, iżda jeħtiġilha ġġib prova tal-*ammont allegatament dovut *;*

**4.1** *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, għandha ssir tpaċija ma' ammonti li, kif intqal, huma dovuti mill-attriċi lill-*konvenuta *;*

**4.2** *Għalhekk, mill-ammont li talvolta jista' jirriżulta dovut mill-*konvenuta *lill-attriċi għandhom jitnaqqsu dawk l-*ammonti dovuti *mill-attriċi lill-*konvenuta *;*

**4.3** *Illi wara li spiċċa l-eżerċizzju tal-*verifikar *tal-fatturi, skont l-esponenti hija kellha titħallas mingħand l-attriċi Crawford Alliance* Corporation *is-somma ta' sebgħa u sittin elf sitt mija u tlieta u għoxrin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€ 67,623.67). Kien proprju għalhekk illi l-eċċipjenti aċċettat illi tħallas lill-attriċi s-somma ta' € 32,376.33 (kif* ammess *mill-attriċi stess fil-*paragrafu numru 6 *tar-rikors maħluf) iżda qed tikkontesta l-bilanċ rimanenti ;*

**4.4** *F'dan ir-rigward qiegħda kontestwalment tiġi mressqa kontrotalba skont il-liġi u l-eċċipjenti titlob illi kwalunkwe ammont illi jista' jiġi dikjarat dovut mill-attriċi jitnaqqas mill-pretensjonijiet tagħha fil-kawża preżenti;*

**5.1** *Għar-raġunijiet imsemmija, ai termini tal-Artikolu 158(3)(ċ) tal-Kap 12, jiġi dikjarat illi l-fatti dikjarati mir-rikorrenti, ħlief għal dak li jintqal fl-ewwel żewġ premessi tal-kawża huma kontestati u jeħtieġ illi jiġu ippruvati.*

**Kontrotalba maħlufa tas-soċjeta' rikonvenzjonanti Europstar Limited (C-55493):**

*Tesponi bir-rispett u bil-ġurament tiegħu, Dr Joseph Camilleri (ID 384279 M) kif debitament awotirizzat, jiddikjara s-segwenti fatti li huwa ġie mgħarraf bihom mill-uffiċjali tal-kumpannija*

1. *Illi l-kumpanija esponenti qiegħda bil-preżenti tipprevalixxi ruħha mill-fakolta' lilha mogħtija bil-liġi u qiegħda tippreżenta din il- kontrotalba;*

2. *Illi abbażi Aircraft Lease and Management Agreement tal-15 t'Ottubru, 2013, il-kumpanija rikonvenzjonanti Europ-Star Limited kienet topera ajurplan Bombardier Challenger 300 9H-SMI ssullokat lilha mill-kumpanija estera rikonvenzjonata Crawford Alliance Corporation;*

3. *Illi dan il-ftehim ġie terminat permezz ta' ftehim ieħor iffirmat nhar il-21 t'Awwissu, 2015;*

4. *Illi madanakollu, l-operat tal-ajruplan in kwistjoni dam għaddej għal numru ta' ġimgħat wara dan il-ftehim ta' terminazzjoni bl-intendiment ċar bejn il-partijiet kollha involuti illi kien għadu għaddej bejn il-partijiet eżerċizzju ta' verifiki ta' fatturi, inkluż spejjeż illi l-esponenti rikonvenzjonanti Europ-Star Limited inkorriet fuq talba tar-rikonvenzjonata fuq talba ta' Crawford Alliance Corporation;*

5. *Illi meta dan l-eżerċizzju ġie konkluż, Crawford Alliance Corporation bdiet inġustament tirrifjuta illi tħallas lura dawn l-ispejjeż u/jew li tpaċihom mal-ammont illi hija kienet qed tippretendi li titħallas mingħand l-esponenti ai termini tal-ftehim ta' terminazzjoni;*

6. *Illi l-esponenti ssostni illi hija għandha titħallas mingħand Crawford Alliance Corporation is-somma totali ta' sebgħa u sittin elf sitt mija u tlieta u għoxrin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€ 67,623.67);*

7. *Illi din is-somma tirriżulta mill-prospett anness bħala* **Dok ES,** *b'anness miegħu Dokument ES 1 sa 11 illi juru kif il-konvenuta rikonvenzjonanti waslet għal dan l-ammont; l-esponenti tirriserva illi teżebixxi faxxikoli ta' fatturi in sostenn ta' dawn id-dokumenti;*

*8. Illi l-esponenti kemm il-darba interpellat lil Crawford Alliance Corporation sabiex taddivjeni għal-likwidazzjoni u ħlas ta' tali spejjeż u stednitha sabiex il-vertenza tingħalaq amikevolment, iżda Crawford Alliance Corporation baqgħet tinsisti illi hija ma kellha tħallas ebda ammont lill-esponenti u anzi sostniet li kienet l-esponenti li kien fadlilha tħallasha xi ammonti ai termini tal-ftehim ta' terminazzjoni;*

*9. Illi Crawford Alliance Corporation insistiet b'din il-pożizzjoni anke wara li ntbagħtet ittra uffiċjali nhar l-4 t'April, 2016 (kopja tagħha anness bħala Dok ES 12) u għalhekk kellha titressaq din il-kontrotalba;*

*GĦALDAQSTANT, l-esponenti rikonvenzjonanti Europ-Star Limited titlob illi, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*i. Tiddikjara illi r-rikonvenzjonata Crawford Alliance Corporation hija debitriċi tal-esponenti Europ-Star Limited fl-ammont ta' sebgħa u sittin elf sitt mija u tlieta u għoxrin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€ 67,623.67) jew somma verjuri li tista' tiġi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti;*

*ii. Tordna lir-rikonvenzjonata Crawford Alliance Corporation Limited tħallas lill-esponenti l-imsemmija somma ta' sebgħa u sittin elf sitt mija u tlieta u għoxrin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€ 67,623.67) jew somma verjuri u/jew li tali somma tiġi paċuta ma' dak l-ammont li talvolta jista' jirriżulta dovut mill-esponenti lil Crawford Alliance Corporation Limited;*

*Bl-ispejjez kontra r-rikonvenzjonata illi r-rappreżentanti tagħha huma minn issa ngunti in subizzjoni.*

Rat ir-risposta guramentata tal-avukat Dr Stefano Filletti ghall-kontrotalba, datata 3 ta' Novembru 2016, a fol 58 et seqq, li taqra hekk:

1. *Illi t-talbiet tas-socjeta' intimata rikonvenzjonanta huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li fit-Termination of Aircraft Lease and Management Agreement iffirmat mill-partijiet tal-kawza odjerna f'nhar il-21 ta' Awissu 2015, gie maqbul illi* <u>*kull pendenzi*</u>

*<u>dovuti bejn il-partijiet gew saldati fl-istess data</u> salv bilanc ta' mitt elf ewro (€100,000) favur is-socjeta' esponenti. Klawzoli 2(i) tal-istess kuntratt tghid proprju hekk:*

> *"other than the outstanding amounts listed in Sub-Article 2(ii) hereunder, all outstanding amounts, claims, liabilities and obligations which may have been due between the Parties* ***have been settled as on the date hereof****. The Parties therefore declare that,* ***other than the outstanding amounts listed in Sub-Article 2(ii) hereunder, there exist no further rights, claims or pretentions against each other*** *as on the date hereof in relation to the Aircraft Lease and Management Agreement"*

2. *Illi l-klawzola numru 2(ii) telenka il-pagamenti li baqghu dovuti anke wara id-data tat-terminazzjoni u tghid proprju hekk: "the* ***balance of EUR100,000*** *(one hundred thousand Euro) which remain* ***due from the Sub-Lessee to the Sub-Lessor*** *and which are to be repaid within 3 (three) months from the date hereof in accordance with Article 9.2 of Aircraft Lease and Management Agreement" (emfasi mizjud);*

3. *Illi r-referenza ghall-klawzola numru 9.2 tal-Aircraft Lease and Management Agreement issir proprju ghaliex din tirribadixxi illi l-bilanc ta' mitt elf ewro (€100,000) ghandu jigi rritornat lis-socjeta' rikorrenti fi zmien tlett xhur mid-data tat-Termination of Aircraft Lease and Management Agreement u dan gjaldarba jitnaqqsu kwalunkwe ammonti li jsiru dovuti <u>WARA</u> d-data tal-kuntratt ta' terminazzjoni. Di fatti din il-klawzola tikorrabora dak li jinghad fit-Termination of Lease and Management Agreement fejn jigi stabilit illi fid-data tat-terminazzjoni, ma hemm l-<u>EBDA</u> bilanci dovuti bejn il-partijiet salv ghal dawk imsemmija fil-klawzola numru 2(ii). Fi kliem iehor hija s-socjeta' intimata rikonvenzjonanta li ghanda thallas l-bilanc ta' mitt elf ewro (€100,000) lis-socjeta' esponenti u mhux bil-kontra. Illi ghalhekk jirrizulta illi mhux talli gie maqbul l-ammont li ghandu jigi rifuz lis-socjeta' esponenti talli sahansitra gie maqbul il-modalita' tal-pagament;*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, dato ma non concesso illi kien fadal xoghol (mhux dak reklamat mill-intimati) li seta' sehh wara d-data tal-ftehim surreferit, kien hemm bosta credit notes ta' valur oghla minn kull talba awmentata li trid tkun pacuta ma kwalunkwe pagamenti allegatament dovuti lis-socjeta' intimata rikonvenzjonanta;*

5. *Illi b'referenza ghat-tmien u disa' premessi jinghad illi kienet is-socjeta' esponenti li dejjem interpellat lis-socjeta' intimata rikonvenzjonanta sabiex taddivjeni ghal-hlas lilha dovut. Xhieda ta' dan hija l-ittra ufficjali annessa mar-rikors guramentat tas-socjeta' rikorrenti rikovenzjonanta u mmarkata bhal Dok.ES12, fejn issir referenza specifika ghall-ittra interpellatorja originarjament mibghuta mis-socjeta' esponenti (ara Dok.1 hawn anness) u ghal-liema allura s-socjeta' rikorrenti rikonvenzjonanta irrispondiet;*

6. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' intimata rikonvenzjonanta jehtieg illi ggib prova ta' kwalunkwe ammonti pretizi ghal xogholijiet allegatament ezegwiti wara d-data tat-terminazzjoni;*

7. *Illi ghalhekk it-talbiet tas-socjeta' intimata rikonvenzjonanta ghandhom jigu kollha michuda bl-ispejjez kontra taghha.*

8. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti, is-socjeta' intimata rikonvenzjonata umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti tilqa' l-eccezzjonijiet taghha u tichad it-talbiet kollha tas-socjeta' intimata rikonvenzjonanta fl-intier taghhom, bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata rikonvenzjonanta, li huma minn issa ngunti in subizzjoni.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat in-nota tas-socjeta ntimata Eurostar Limited tat-8 ta' Marzu 2018 a fol 134 permezz ta' liema s-socjeta ntimata ammettiet it-talbiet kollha mressqa mis-socjeta rikorrenti fir-rikors guramentat taghha u rrinunzjat ghall-eccezzjonijiet mressqa minnha fir-risposta mahlufa taghha, kif ukoll cediet il-kontrotalba mressqa minnha flimkien mal-istess risposta mahlufa.

In vista ta' din in-nota ta' ammissjoni ghalhekk, il-Qorti m'ghandiex alternattiva ohra hlief li tilqa' t-talbiet tas-socjeta rikorrenti u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet u t-talbiet mressqa mis-socjeta ntimata rikonvenzjonanti fil-kontro-talba taghha u in vista tac-cessjoni tal-istess.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet kollha, u tat-talbiet kollha tas-socjeta ntimata rikonvenzjonanti kif maghmula fil-kontro-talba, in vista tan-nota ta' ammissjoni u cessjoni, a fol 131, u konsegwentement:**

1. ***Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi s-socjeta' rikorrenti hija kreditrici tas-socjeta' intimata fl-ammont ta' sebgha u sittin elf, sitt mija u tlieta u ghoxrin ewro u sebgha u sittin centezmu (€67,623.67) rapprezentanti bilanc rimanenti mis-somma ta' mitt elf ewro (€100,000);***

2. ***Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna u tordna lis-socjeta' intimata sabiex thallas is-somma ta' sebgha u sittin elf, sitt mija u tlieta u ghoxrin ewro u sebgha u sittin centezmu (€67,623.67)* bl-imghax dekoribbli mid-data ta' meta sar dovut l-istess ammont sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez kollha, inkluz tal-kontro-talba, huma a karigu tas-socjeta ntimata.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**